**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 11 ta' Lulju, 2001**

**Numru 4**
**Citaz. Nru 843/91 FD**

**Natalie Schembri**
**Vs**
**Saviour Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' eccess, mohqrija, theddid u offizi gravi;

Premess illi l-hajja flimkien ma ghadhiex possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet minhabba eccessi mohqrija, theddid u offizi gravi li l-imsemmi Saviour Bonnici kkommetta kontra martu u minhabba li l-hajja flimkien ma ghadhiex possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Joanna f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-imsemmi Saviour Bonnici ihallas lil-attrici ghaliha u ghall-imsemmija bintha minuri dik ir-rata alimentarja li l-Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

4. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Bonnici u l-istess likwidata u maqsuma f'zewg partijiet;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-procedura fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa ecceppixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

2. Illi l-konvenut qatt ma rrenda ruhu hati lejn l-attrici la ta' eccessi, la ta' mohqrija, la ta' tehdid, la ta' offizi gravi, u la ta' xejn aktar anzi kienet l-attrici stess li rrendiet ruhha hatja ta' dawn l-affarijiet lejn il-konvenut;

3. Illi rigward it-tieni talba din ma tistax tigi milqugha ghax din hi diga` meritu ta' kawza ohra ta' annullament li nfethet qabel din fl-ismijiet Saviour Bonnici vs Nathalie Bonnici Citazzjoni numru 704/91, dan japplika wkoll ghall-ahhar talba;

4. Illi it-tieni talba mhix sorretta b'ebda premessa u ghalhekk ma tistax tigi milqugha;

5. Illi f'kull kaz fl-aqwa interess tat-tifla Joanna l-kura u l-kustodja taghha ghanda tinghata lill-konvenut kif gia gie osservat mis-Sekond' Awla u dan kien ibbazat fuq rapport ta' Welfare Officer li gie anness man-nota ta' l-eccezzjonijiet u mmarkat bhala Dokument A;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti ezebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu giet nominata l-Welfare Officer Carmen Zammit biex wara li tiehu konjizzjoni tar-rikors u risposti relattivi u tisma’ anke bil-gurament lill-kontendenti u lix-xhieda li hi thoss necessarji, tipprezenta relazzjoni dwar l-access tal-minuri fid-dawl ta' l-imsemmija rikorsi; kif ukoll ir-rapport ta’ l-istess social worker;

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Jannar 1993 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dottor Yana Micallef Stafrace bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici u wara li tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport ta’ l-imsemmija social worker Carmen Zammit li jinsab a fol. 262 *et sequitur* tal-process u li gie minnha debitament ikkonfermat fl-Udjenza tas-26 ta' Frar 1993;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija perit legali li tinsab a fol. 1058 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tal-25 ta' Gunju 1997;

Semghet lill-kontendenti u lix-xhieda minnhom prodotti;

Semghet in eskussjoni lill-istess perit legali

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u takkordalha l-kura l-kustodja ta' binthom minuri Joanna; talbet ukoll il-manteniment ghaliha u ghall-minuri kif ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi dina l-kawza hija wahda minn sensiela twila ta' kawzi istitwiti bejn il-kontendenti u li jinkludu separazzjoni, spoll u anke annullament;

Illi harsa minn barra lejn dan il-process malajr tindika il-mod kif dina l-vertenza giet ikkumbattuta mill-kontendenti u anke mill-abbli u pacenzjuzi difensuri taghhom;

Dina l-abbilta` u pacenzja johorgu b'mod car mill-ezami ta' madwar erbghin rikors li gew minnhom intavolati mill-bidu sa l-ahhar nett ta' dawn il-proceduri;

Dan qed jinghad mhux biss minhabba in-numru pjuttost esagerat fih innifsu imma izjed u izjed minhabba it-tul u l-kontenut studjat u elaborat ta' kull wiehed minn dawn ir-rikorsi li kollha

naturalment, gew segwiti b'risposti tant iehor studjati u elaborati;

Illi il-kontendenti pprezentaw numru kbir ta' affidavit mhux biss taghhom individwalment imma wkoll ohrajn preparati minn nieshom u anke minn konnoxxenti taghhom;

Barra minn dawn, inzammu 'il fuq minn tletin seduta peritali fejn tressqu u gew kontro-ezaminati bosta minn dawn ix-xhieda oltre naturalment l-istess kontendenti;

Illi l-attrici f'xi zmien qabel ma bdiet tohrog mal-konvenut kienet gharusa ma' ragel iehor u kienu qed jahsbu ghaz-zwieg; kellhom ukoll id-dar fejn kienu ser imoru jghixu u kienu jipposedjuha bin-nofs bejniethom;

Insegwitu ggieldu u l-attrici akkwistat minghand l-ex gharus taghha id-dar matrimonjali kollha u f'din id-dar fil-fatt il-kontendenti odjerni marru jabitaw wara iz-zwieg taghhom;

Illi rrizulta wkoll li l-attrici kellha xi problemi mal-genituri tant li xi sentejn qabel ma zzewget lill-konvenut hija harget mid-dar tal-genituri taghha u marret tghix ghal rasha;

Il-problema jidher li baqghet hemm tant li missierha irrifjuta li jmur ghac-cerimonja tat-tieg taghha ghalkemm il-konvenut bhala gharus mar jitolbu biex jattendi; baqa' pero` iebes fid-decizjoni tieghu u ma marx;

Huwa rega' laqaghha f'daru biss wara li l-kontendenti kellhom l-imsemmija tarbija aktar minn sena fuq iz-zwieg taghhom;

Illi jigi wkoll rilevat illi l-kontendenti qabel ma dahlu ghaz-zwieg ghamlu wkoll perjodu jghixu flimkien fl-istess dar ta' l-attrici u dan evidentement ma kienx joghgob lill-genituri;

Illi l-attrici stqarret li l-inkwiet bejniethom beda mill-ewwel u ilmentat li kienet tifhem li ghal zewgha hija kienet tiswa biss ghas-sess;

Fil-bidu ta' l-ewwel affidavit taghha l-attrici tispjega "*ghandi nghid li l-problemi taghna bdew mill-ewwel u dawn kienu ta' natura sesswali. Fil-fatt sabiex inzomm lil zewgi kuntent, kont nikkostringi ruhi ghal umiljazzjonijiet kontinwi u ripettuti. Bdejt ninnota li l-aktar haga importanti ghal zewgi miz-zwieg taghna kien is-sess, l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt zewgi kien irid li noqghod ghal dan ghal daqs tliet darbiet kuljum.*"

Meta ftit wara kellhom it-tifla Joanna, il-glied qaleb ghal divergenzi dwar kif din kellha tittrabba; ippruvaw, anki bl-ghajnuna ta' ohrajn jirrimedjaw il-problemi ta' bejniethom u sahansitra ghamlu perjodu qasir jghixu separati bl-isperanza li wara l-ibhra jikkalmaw, izda gara li dan kien kollu ta' xejn u l-attrici tallega li l-konvenut wasal biex anke hebb ghaliha u wara dan hija telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix mal-genituri taghha;

F'wiehed minn dawn it-tentattivi biex jirrangaw, l-attrici insistit li jkollha bil-miktub minghand il-konvenut li huwa kien ammetta li kien naqasha u li kien sejjer jinbidel, izda fix-xhieda li huwa ta dwar dan id-dokument il-konvenut spjega kif tali dikjarazzjoni ma kienet xejn spontanja u kien ghamilha biss biex joghgob u jikkalma lill-attrici;

Illi l-attrici tellghet ukoll bhala xhieda lil familjari taghha li ghamlu referenza ghal fatt li l-konvenut kien ihobb jixrob u semmew l-interventi taghhom meta kien hemm problemi bejn il-kontendenti dwar l-access limitat li l-attrici kellha ghal minuri u dan kien fil-mori tal-kawzi prezenti;

Illi minn naha tieghu il-konvenut jissottometti li kien izzewweg peress li l-attrici riedet taghlaq halq il-genituri taghha li evidentement ma kienux wisq ferhanin bil-fatt li hija kienet telqet mid-dar u marret tghix ghal rasha ma' ragel;

Minkejja perjodu ta' ko-abitazzjoni li l-kontendenti ddecidew li jidhlu ghalih, il-konvenut fix-xhieda tieghu stqarr illi wara iz-zwieg intebah li l-attrici kellha avverzjoni ghall-att sesswali; jghid ukoll li hi ma riedetx tfal u inqabdet biss ghax il-konvenut kien agixxa b'mod mhux tas-soltu u baqa' sejjer sa l-ahhar bl-att konjugali; il-konvenut jghid ukoll illi hi rrabjat hafna li gara hekk u spiccat incinta;

Dan il-punt xehdet dwaru ukoll Jane Cilia li kienet wahda mit-testimoni fiz-zwieg tal-kontendenti; din ix-xhud kienet ilha li saret

habiba ma' l-attrici sa mill-1983 u kienu saru hbieb tassew; hija kkonfermat li l-attrici ma kienetx kuntenta bil-gravidanza u li kienet thoss li giet traduta minn zewgha il-konvenut;

Ir-ragel ta' l-imsemmija Jane Cilia, Andrew kien ix-xhud l-iehor tat-tieg u kkonferma dak li xehdet martu u stqarr li l-attrici qabel it-tieg kellha l-pjanijiet taghha ghaz-zwieg li kienu jixbhu izjed lil "*business partnership*" milli lil cerimonja matrimonjali;

Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-abbli relattrici li l-kontendenti tefghu bosta akkuzi serji u inqas serji, minghajr ma ressqu provi konkreti dwar tali allegazzjonijiet u hija waslet "*ghall-konkluzzjoni li l-anqas il-partijiet stess ma jafu x'gara sew jew ma garax f'din ir-relazzjoni ta' bejniethom; mohhhom biss li t-tort hu ta' l-iehor*";

Illi l-Qorti fliet ukoll bir-reqqa ir-rapport tas-social worker Debattista li huwa kien hejja wara n-nomina maghmula mis-Sekond' Awla ta' dina l-Qorti;

Wara bosta laqghat mal-kontendenti, huwa ssottometta "*jiena ghandi d-dubji tieghi kemm hi (l-attrici) lesta li ticcahhad mill-hajja socjali biex tiddedika ruhha ghat-tifla. Nathalie hi wahda li difficli li taghmel kompromessi u nibza' li llum jew ghada tikklaxxja zgur. F'hafna drabi kien ferm difficli biex tiddistingwi bejn realta` u att drammatiku fil-konfront ta' Nathalie, cioe` jekk kienetx qed tirrecta jew le, ghax hafna drabi dehret artificjali*".

Minn naha l-ohra huwa, dwar il-konvenut Salvu Bonnici, ikkonkluda: "*Salvu Bonnici mhux hafna ahjar minnha. Huwa bniedem rasu iebsa u difficli li jibdel fehmtu anke jekk jaf li jbati. Il-hajja tieghu ma tippermettix li huwa jiddedika tant mill-hin tieghu maghha (il-minuri) jekk huwa ikun irid jisfoga il-passjoni sesswali tieghu. Minn dan jidher li l-koppja mhix idejali li tghix f'armonija ghax hadd mhu lest li jcedi, hadd minnhom mhu lest li jwarrab il-hajja privata u personali biex jakkomodaw lil binthom ta' erba' snin.*";

Illi l-Qorti tifhem li z-zewg partijiet bil-karattri rispettivi taghhom ma humiex tajbin ghaz-zwieg li dahlu fih;

Kieku ma twilditilhomx it-tifla zgur li kienu ihallu lil xulxin pjuttost bil-kwiet; gara pero` li s-supervja u l-ghebusija tar-ras taghhom kellhom fit-tifla komuni, kamp fertili fejn verament zviluppaw u dan certament ma kien ta' ebda gid la ghalihom u wisq anqas ghal povra binthom;

Illi dwar din il-kreatura innocenti, il-Qorti hliet il-bicca l-kbira tal-hin taghha ddedikat ghal dina l-kawza;

Illi s-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, diversament preseduta fil-31 ta' Mejju 1991 iddegretat li l-minuri tibqa' tabita mal-genituri tal-konvenut sakemm dawn jibqghu kapaci jaghmlu dina l-funzjoni waqt li l-attrici kellu jkollha access regolari;

Dan l-access gie rivedut anke permezz tad-digriet tas-26 ta' Lulju 1993 a fol. 303 tal-process u inoltre varjat specifikament ghal perjodu tal-vaganzi tal-Milied b'digriet iehor a fol. 342;

Illi fit-18 ta' Lulju 1994 wara rikors appositu tal-konvenut ghar-riduzzjoni tal-manteniment peress li l-attrici kienet qeghda tahdem, l-ammont ta' manteniment gie ridott minn Lm60 ghal Lm10 fix-xahar, u wara rikors din id-darba ta' l-attrici ghal varjazzjoni fl-access fil-hinijiet tal-perjodu tas-sajf, l-access gie ukoll varjat permezz ta' digriet tas-26 ta' Lulju 1993; dan barra bosta digrieti ohra ghal necessitajiet specifici;

Illi fid-dawl tar-rapporti pprezentati u ta' l-istqarrijiet estensivi tal-kontendenti ma hux facli ghall-Qorti li tasal biex tvarja anki s-suggerimenti proposti mill-abbli social worker Carmen Zammit li tant hadmet mal-Qorti anki f'kazi ohra;

Fl-ghazla tal-genituri tal-konvenut ghall-kura tal-minuri, ma kien hemm xejn li bih l-istess konvenut ghandu ghaliex jiftahar jew li l-attrici ghandha titkaza!

Il-Qorti taqbel ma' dak li stqarret il-perit legali fl-eskussjoni ezawrenti li saret mid-difensuri: "*jiena allura wasalt biex nikkonsidra figura stabbli u dina kienet ir-raguni li jiena wasalt biex zammejt man-nanna paterna bhala l-punt stabbli fit-trobbija tal-minuri . . . mhux ghax ridt naghti favur lil parti jew lil ohra, imma*

*sempliciment minhabba l-istabbilita` li din il-mara setghet toffri fit-trobbija tal-minuri*";

Din l-istqarrija saret fit-12 ta' Novembru 1997 jigifieri bosta snin wara li l-Qorti kienet hadet veduta simili;

Illi kif inghad il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa ir-rikorsi kollha li saru u tifhem li issa li t-tifla ghandha erbatax-il sena u t-trobbija taghha giet stabbilizzata minkejja il-problemi ta' madwarha, kien wasal iz-zmien li jkun hemm varjazzjoni b'mod li l-omm ikollha izjed zmien mal-minuri anke jekk dan jista' jkun ta' xi nkonvenjent marginali fl-andament tal-hajja ta' l-istess minuri;

Illi l-Qorti qeghda f'posizzjoni li tifhem mhux hazin il-karattri difficli taz-zewg partijiet u twissi lill-attrici milli, wara li jkun hemm din il-varjazzjoni, thoss li ghandha tistitwixxi xi forma ta' proceduri biex tottjeni xi haga ohra.

Il-Qorti sejra zzid il-hin li t-tifla tghaddi ma' l-attrici billi meta t-Tlieta tehodha wara l-iskola, l-attrici ma tirritornahiex izjed fis-7.30 ta' filghaxija izda izzommha maghha il-lejl ukoll u tirritornaha l-ghada filghodu direttament fl-iskola; kull nhar ta' Gimgha tehodha direttament mill-iskola u tirritornaha is-Sibt fis-sebgha u nofs ta' filghaxija. Ghal perjodu tal-vaganzi l-attrici, li tuza karozza, tiehu lill-minuri kull nhar ta’ Tnejn fil-hamsa ta’ filghaxija (5:00 p.m.) sa l-ghada t-Tlieta fis-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30 p.m.) minn hdejn il-Knisja ta' Haz-Zabbar; waqt li l-Gimgha il-konvenut ghandu

iwassal lill-minuri binthom fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4:30 p.m.) hdejn Angela House, Gwardamangia u jigborha mill-istess post is-Sibt fis-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30 p.m.);

Iz-Zewg partijiet urew li jhobbu lil binthom u ghalhekk ghandhom ikomplu jghinuha fit-trobbija difficli li huma (jew min minnhom, mhux importanti) waddabha fiha;

Dwar l-assi parafernali u tal-komunjoni ta’ l-akkwisti l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-provi dwarhom kienu skarsi u konflingenti u li ghalkemm gew esebiti bosta dokumenti minghajr wisq spjegazzjoni, qisu li dan sar biex ikomplu jigu kkomplikati l-problemi tal-Gudikant;

Illi rrizulta li z-zewg kontendenti hadu diversi oggetti mid-dar matrimonjali ghalkemm naturalment il-verzjonijiet huma tant konflingenti illi ma jwasslu ghal ebda konkluzzjoni;

Illi il-Qorti pero` tifhem li l-kont li kien sar ma' bank Awstraljan jidher illi kien parti mill-ammont li rceviet l-attrici bhala dota u ghalhekk dana ma ghandux jigi maqsum bejn il-partijiet imma ghandu jigi rtirat kompletament mill-istess attrici, ghalkemm dana fil-fatt jidher li gie intestat f'isem iz-zewg kontendenti;

Illi d-dar matrimonjali prezentement ma hijiex abitata mill-ebda wahda mill-partijiet li t-tnejn jghixu fid-dar tal-genituri rispettivi taghhom; din f’kull kaz hija parafernali ta’ l-attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli liz-zewg kontendenti u peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment;

Tichad it-Tieni Domanda u takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri lill-konvenut li qieghed jghix fid-dar tal-genituri tieghu u dan bil-kondizzjoni li t-tifla tibqa' taht il-kura ta' l-imsemmija nanniet paterni, waqt li l-attrici ikollha dritt ta' access ghall-minuri fis-sens li l-attrici jkollha l-kura tat-tifla kull nhar ta' Tlieta minn meta tispicca mill-iskola sa l-Erbgha filghodu meta l-attrici ghandha tirritornaha direttament fl-iskola li tattendi l-istess tifla u kull nhar ta' Gimgha minn meta tispicca l-iskola u tirritornaha s-Sibt fis-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30 p.m.); ghal perjodu tal-vaganzi meta t-tifla ma jkollhiex skola, l-access ikun mit-Tnejn fil-hamsa ta' filghaxija (5:00 p.m.) sat-Tlieta l-ghada fis-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30 p.m.) u dan minn hdejn il-Knisja Parrokjali ta’ Haz-Zabbar; waqt li l-access ta' nhar ta' Gimgha ghandu jkun mill-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4:30 p.m.) sa l-ghada is-Sibt fis-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30 p.m.);

Tiddeciedi t-Tielet Domanda billi tiddikjara li l-konvenut ma ghandux ihallas ebda manteniment lill-attrici ghat-tifla minuri stante d-divizjoni tal-

hinijiet u responsabiltajiet reciproci waqt li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar bhala manteniment ghaliha personalment u dana in vista tal-fatt li l-attrici ghandha impjieg bi qliegh;

Tilqa' r-Raba' Domanda billi tordna li jigu applikati kontra iz-zewg kontendenti sa fejn possibbli d-disposizzjonijiet kontemplati fl-Artikoli relattivi kif emendati, u li t-tnejn jitilfu d-drittijiet reciproci successorji taghhom;

Tilqa' l-Hames Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti konjugi Bonnici u tiddividi l-assi billi wara li tiddikjara li l-ammont ta' flus li hemm depozitati fil-bank gewwa l-Awstralja huwa parafernali ta' l-attrici u ghalhekk ghandu jigi zbankat kompletament favur taghha, il-konvenut ghandu jiehu l-passi kollha mehtiega biex ikun jista' jsir dan l-isbank; tassenja lil kull parti l-oggetti kollha li prezentament jinsabu fil-pussess taghhom waqt li l-oggetti li ghadhom jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jibqghu in komun bejn il-kontendenti u jekk ma jintlahaqx ftehim ghandhom jimbieghu in licitazzjoni u r-rikavat jigi maqsum bejn il-kontendenti.

Jigi dikjarat ukoll illi l-fond matrimonjali huwa proprjeta` parafernali ta' l-attrici li ghalhekk ghandu jkollha access immedjat ghalih u l-konvenut ghandu jirrilaxxa l-istess fond u jirritorna lill-attrici kull cavetta jew mod ta' access ghall-imsemmi fond fi zmien xahar minn meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat u fil-kaz li ma jkunx

intlahaq ftehim dwar l-oggetti li jinsabu fil-post dawn ghandhom jigu depositati f'post iehor u jigu mibjugha kif fuq inghad.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur